# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 11 ta' Lulju, 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**
**vs**
**Christopher Camenzuli**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Christopher Camenzuli u detentur tal-karta tal-identita' 436674M.

Akkuzat talli nhar it-13 ta' Settembru, 2016 ghal habta ta' 12:30pm ta' filghodu fi Triq Mikiel Anton Vassalli, l-Imsida

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti ikkaguna il-mewt ta' Simon Mark Allen;
2. Saq vettura bil-mutur ta' l-ghamla Peugeot 508 bin-numru ta' registrazzjoni GLY 019 u ecceda il-limitu ta' velocita' skond il-ligi;
3. Saq vettura bil-mutur ta' l-ghama Peugeot 508 bin-numru ta' registrazzjoni GLY 019 bi traskuragni u b'mod perikoluz.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali inkluz l-atti ta'l-inkjesta mizmuma in konnessjoni ma' dan il-kaz.

Ikkunsidrat

Illi dawn il-proceduri jirrigwardaw incident li sehh nhar it-13 ta' Settembru 2016 f'l-12.20am fi Triq Mikiel Anton Vassalli Msida, f'liema incident sfortunatament tilef hajtu Simon Mark Allen. Ghandu jigi rilevat li dak in-nhar ta'l-incident, fit-triq imsemmija, kienu ghadhom qed isiru x-xogholijiet tal-flyover ghalhekk il-konfigurazzjoni tat-triq kienet differenti minn dik ta' llum.

Illi xhieda dwar dak li gara fil-hin ta'l-incident hemm zewg persuni biss: certa Sabrina Mallia u l-imputat; kemm Mallia kif ukoll l-imputat taw il-verzjoni taghhom f'aktar minn okkazzjoni wahda.

Illi Sabrina Mallia xehedet kemm f'l-atti ta' l-inkjesta kif ukoll quddiem din il-Qorti. Meta kienet qed tixhed f'l-atti ta'l-inkjesta[1] Mallia tirrakkonta li kienet kienet qed isuq fi Triq Mikiel Anton Vassalli fid-direzzjoni ta' Santa Venera. Malli qabzet l-istatwa tal-Madonna li kien hemm mal-genb tat-triq u qabel ma qabdet it-triq li taghti ghall-pompa tal-petrol innutat ragel jitbandal f'nofs tat-triq; bdiet iddoqq il-horn u qalbet ghall-karreggjata ta' barra. Mallia spjegat li meta hi rat lil dan ir-ragel l-ewwel darba kien xi hames metri 'l boghod minnha u li kif qabzitu ghafset il-break u harset lura mill-mera u ratu jittajjar mill-vettura misjuqa mill-imputat.

Illi meta xehedet quddiem il-Qorti[2] Mallia tat l-istess verzjoni pero b'aktar dettalji. Ikkonfermat li hija kienet qeghed issuq fil-karreggjata ta' gewwa meta rat lill-vittma hiereg minn bejn il-barriers li kien hemm fuq in-naha tax-xellug tat-triq. Malli ratu nhasdet, u qabdet u bidlet il-lane billi marret fuq il-karreggjata l-ohra (cioe l-outer lane). Hija mbaghad harset fil-mera

[1] Depozizzjoni a fol 128 tal-process.
[2] Depozizzjoni a fol 181 tal-process.

biex tara x'sar kien sar minnu dak ir-ragel u ratu jittajjar f'l-arja. Mistoqsija kemm kien 'l boghod l-ewwel darba li ratu lil dan ir-ragel hija tghid li ma tantx taf tikkalkola distanza pero tahseb li kien xi tlett metri 'l boghod. Tghid ukoll li meta harset fil-mera ma ratx l-impatt imma rat biss lill-vittma f'l-arja. In kontroezami tghid li hija kienet qed issuq b'xi sittin kilometru fis-siegha. Tghid li meta rat lill-vittma jtir u jaqa ma'l-art waqqfet u harget mill-vettura taghha resqet lejn ir-ragel ma'l-art u deherliha li kien gia mejjet. Mallia tghid ukoll li hi la semghet breaks u lanqas rat il-vettura li tajret lir-ragel; kien biss wara li haregt mill-vettura taghha u kienet sejra lejn il-vittma li rat il-vettura ta'l-imputat u rat ukoll is-sinjali ta'l-impatt. Mallia rribadiet li meta hi rat lil Allen fil-genb tat-triq hasbet li forsi ser jaqsam, ma ssogratx u qabdet u qalbet il-lane.

Illi l-imputat xehed f'l-atti ta' l-inkjesta, irrilaxxja stqarrija, u anke ta d-depozizzjoni tieghu quddiem il-Qorti. Fid-depozizzjoni tieghu f'l-atti ta'l-inkjesta[3] jghid li fil-hin ta'l-incident huwa kien qed isuq vettura ta' Cabs Plus sejjer lejn l-ajruport biex jigbor xi nies; hu kien ser jghaddi mill-mina li hemm taht l-iskate park. L-imputat jghid li kien qed isuq "*normali*" u meta wasal fil-fetha u kien ser ikompli biex jidhol fil-mina sema hoss u habta mal-windscreen u kif sema' il-hoss ghafas il-break u tefa' ghall-genb. Jghid li lil dak il-persuna li kien tajjar ma kienx rah qabel fit-triq fil-fatt u jghid li meta hareg mill-vettura mar biex jara x'kien laqghat. Din id-depozizzjoni nghatat l-ghada ta'l-incident, cioe f'l-14 ta' Settembru 2016.

Illi fit-2 ta' April 2017, u ghalhekk wara l-eghluq ta'l-inkjesta l-imputat irrilaxxja stqarrija lill-ufficjal prosekutur[4]. F'l-istqarrija jaghti verzjoni xi ftit differenti. Jghid li kien qed isuq wara Audi u li d-distanza bejniethom kienet ta' anqas minn karozza; kemm l-imputat kif ukoll il-vettura ta' quddiemu kienu qed isuqu man-naha tal-lemin. Jghid li s-sewwieq ta'l-Audi m'ghamel l-ebda manuvri u lanqas biss seta' jaghmel manuvri ghaliex kieku kien jahbat mal-barriers li kien hemm f'nofs tat-triq. Dwar il-vittma, minn fejn seta' gie, u meta rah l-ewwel darba inizjalment l-imputat qal li "*mill-genb gie bniedem, qisu qattusa, nahseb li gie minn wara l-Audi*". Pero aktar 'l

[3] A fol 127 tal-process.
[4] Stqarrija a fol 5 tal-process.

quddiem f'l-istqarrija mistoqsi meta induna bil-vittma l-imputat jghid li "*meta smajt id-daqqa tieghu mal-genb tal-karozza u mbaghad mal-windscreen*". Dwar il-velocita li kien qed isuq biha, l-imputat jghid li ma jiftakarx b'liema velocita kien qed isuq; fuq suggeriment li kien qed isuq b'aktar minn disghin kilometru fis-siegha jghid li ma jahsibx u jghid li hu ma kienx mghaggel. L-imputat jghid ukoll li huwa kien mohhu hemm meta kien qed isuq u rega' irrepeta li f'l-ebda hin, qabel ma sema id-daqqa, ma ra lil xi hadd jaqsam. Peress li l-imputat gie infurmat bil-kostatazzjonijiet li ghamlu l-esperti nominati f'l-inkjesta huwa kompla hekk: "*kif hemm f'dak li qrajtli lanqas break marks jew skid marks ma hemm tant kemm jien ma rajt xejn fin-nofs*". Meta mbaghad gie mistoqsi ghalfejn ma waqafx mill-ewwel, cioe fil-post fejn sehh l-impatt l-imputat jirrepeti li hu kien ghaddej normali, ma zammx break, "*mbaghad kif qisni smajt dik id-daqqa ... inhsadt u tfajt mal-genb biex nara x'gara ghax kont ghadni anqas naf x'kien ezatt*". Huwa spjega ukoll li f'dak il-perjodu kien hemm parti minn Triq Mikiel Anton Vassalli li kienet single lane li eventwalment terga tiftah f'zewg lanes u kien propju hemm (fejn tiftah f'zewg lanes) li sehh l-incident. L-imputat jghid ukoll li l-vizibilita kienet tajba pero kien hemm zewg arbli li bla dawl propju fil-parti tat-triq fejn sehh l-incident.

Illi fid-depozizzjoni tieghu quddiem il-Qorti[5] l-imputat jghid li kien wasal f'dik il-parti tat-triq fejn minn karreggjata wahda (li kienet imharbta minhabba ix-xogholijiet li kienu qed isiru) kienet terga tiftah ghal tlieta (wahda biex titla hdejn l-iskate park u t-tnejn l-ohra ghall-mina; jghid li kien qed isuq wara vettura ohra. L-imputat kompla biex spjega li hu ma ra lil hadd quddiemu qabel l-impatt. Jghid ukoll li huwa kien qed isuq b'xi erbghin fil-parti l-imharbta u malli t-triq fethet ghal tlett karreggjati zied xi hmistax. Kompla jispsjega li wara l-impatt huwa m'ghafasx il-break imma sempliciment telaq saqajh minn fuq il-gas u tefa ghall-genb b'mod li l-vettura waqfet wahedha. In kontroezami l-imputat jghid li fil-mument ta' l-impatt huwa kien qieghed fil-karreggjata ta' barra (l-outer lane) u kkonferma li l-hsara fil-vettura tieghu kienet man-naha tax-xellug.

[5] A fol 207 tal-process.

Illi kif diga ntqal ma kien l-ebda xhieda okkulari ohra pero mill-kostatazzjonijet li ghamlu l-esperti nominati f’l-atti ta’l-inkjetsa jistghu jigu stabbiliti diversi fatti.

Illi mill-pjanta u r-ritratti esebieti mill-espert il-Perit Mario Cassar[6] u mir-ritratti esebieti mis-Scene of Crime Officer PC637 Kevin Manicolo[7] jirrizulta li l-impatt bejn il-vettura misjuqa mill-imputat u l-vittma sehh f’l-approach ghall-mina u cioe fil-parti tat-triq fejn iz-zewg karregjati li jaghtu ghall-mina huma kompletament separati, u f’l-livell aktar baxx, mill-karregjata li taghti ghal hdejn il-pompa tal-petrol u eventwalment ir-roundabout. Aktar minn hekk jidher car ukoll li l-impatt sehh fil-karreggjata tax-xellug (cioe l-inner lane mit-tnejn li jaghtu ghall-mina). Dan il-Qorti tista’ tikkonstatah ghaliex id-debris mill-vettura qieghed kollu f’din il-karreggjata tax-xellug, fejn hemm ukoll iz-zarbun tal-vittma u fejn anke waqa’ l-istess vittma wara li ttajjar.

Illi mill-konkluzzjonijiet li wasal ghalihom l-espert il-PL Mario Buttigieg[8] jirrizulta li fil-hin ta’l-impatt l-imputat kien qed isuq b’velocita almenu tnejn u disghin kilometru fis-siegha. Ma kienx hemm brake marks fuq il-post ta’l-incident pero l-istess espert Buttigieg jispjega fid-depozizzjoni tieghu li l-vettura misjuqa mill-imputat hija mghammra b’l-ABS ghalhekk ma thalliex break marks.

Illi ghandu jinghad li kemm mir-ritratti esebieti kif ukoll minn dak li qalu l-espert il-PL Mario Buttigieg u PS778 David Sant[9] il-post kien imdawwal sew ghalkemm kien hemm arblu, fis-centre strip, hdejn l-approach ghall-mina, li kellu iz-zewg fanali mitfijin.[10] Jirrizulta ukoll li dik il-medda ta’ triq hija dritta, li pero fija hemm vertical elevation pjuttost qawwija li ‘l fuq

[6] Pjanta a fol 39 u ritratti a fol 35 u 36 li jifformaw parti mir-rapport tieghu Dok MC.
[7] Ref ir-rapport tieghu Dok Foto a fol 71 et seq.
[8] Konkluzzjonijiet li wasal ghalihom mill-koststazzjonijiet li ghamel huwa stess fuq il-post ta’l-incident u minn dak li qalulu x-xhieda, inkluz l-imputat. Ir-rapport tieghu huwa esebiet bhala Dok MB afol 120. Lil dan l-espert sarlu ukoll kontroezami meta kompla jelabora fuq il-kostatazzjonijiet li ghamel u l-konkluzzjonijet li wasal ghalihom. Ref depozizzjoni a fol 161.
[9] Depozizzjoni a fol 189 .
[10] Dan il-fanal jidher f’l-ewwel ritratt a fol 76, fit-tieni ritratt a fol 90 (ritratti formanti parti r-rapport ta’ PS737 Manicolo) u fir-ritratti esebieti mill-imputat bhala Dok CC1 a fol 221.

minn certu velocita tillimita l-vizzjoni tas-sewwieq[11]. Anke l-espert il-PL Mario Buttigieg jindika fir-rapport tieghu li t-triq hija dritt ghalkemm inklinata ‘l fuq[12].

Illi mit-testijiet tossikologici li saru mill-espert Mike Scott Ham[13] jirrizulta li l-livell ta’ l-alkohol fid-demm tal-vittma kien ta’ mitejn sebgha u sittin milligramma kull mitt milliltru (267mg per 100ml) li skond standards internazzjonali jindikaw *extreme drunkenness, stupor, impaired conciousness, reduced reflexes*.

Ikkunsidrat

Illi mir-riassunt tal-provi huwa car li l-imputat ta diversi verzjonijiet u kkontradica lilu nnnifsu diversi drabi fuq diversi fatti. Aktar minn hekk huwa gie kontradett minn dak li qalet Mallia u anke mill-fatti li jemergu mill-kostatazzjonijet li ghamlu l-esperti.

Illi l-imputat jghid li huwa kien qed isuq wara Mallia fil-karreggjata ta’ barra. Mallia pero tghid li hija kienet qed isuq fil-karreggjata ta’ gewwa u kien biss meta rat lil Allen li qasmet ghall-karreggjata ta’ barra. Jekk l-imputat kien qed isuq warajha allura kien qed isuq fil-karreggjata ta’ gewwa. Dan huwa konfermat mill-fatt li d-debris instab fil-karreggjata ta’ gewwa li jindika li l-impatt sehh fil-karreggjata ta’ gewwa u li ghalhekk l-imputat kien qed isuq fil-karreggjata ta’ gewwa.

Illi dwar velocita l-imputat l-ewwel jghid li huwa kien qed isuq “normali” minghajr ma jaghti imqar indikazzjoni tal-velocita; f’l-istqarrija jerga jtenni li ma jiftakarx il-velocita li kien qed isuq biha pero jerga jghid li kien qed isuq normali u li ma kienx mghaggel. Fid-depozizzjoni tieghu mbaghad (wara li kienet xehedt Mallia u qalet li kienet qed isuq bi xi sittin kilometru fis-siegha) l-imputat qal li fil-parti tat-triq fejn kienu qed isiru x-xogholijiet kien qed isuq b’l-erbghin u malli gie fil-fetha ta’ qabel il-mina tella’ xi

[11] Ref rapport ta’ l-espert il-Perit Mario Cassar a fol 36.
[12] Ref fol 129 tal-process.
[13] Ref ir-rapport esebiet bhala Dok MSH a fol 104.

hmistax maghhom; ghalhekk huwa qed jallega li kien qed isuq b'xi hamsa u sittin kilometru. Kif diga ntqal l-espert il-PL Mario Buttigieg (a bazi tal-kalkoli li ghamel u li huma spjegati kemm fir-rapport u fid-depozzjoni tieghu) ikkonkluda li l-imputat kien qed isuq b'velocita ta' almenu tnejn u disghin kilometru fis-siegha.  F'dan ir-rigward ghandu jinghad li Mallia qalet li malli rat lil-imputat hija daqqet il-horn u qalbet ghall-karreggjata ta' barra. L-imputat pero jghid li hu ma rax lil Mallia taghmel manuvri u lanqas sema' il-horn. F'dawn ic-cirkostanzi l-mistoqsija tkun kif, jekk l-imputat verament kienu qed isuq wara Mallia, it-tnejn b'xi sittin kilometru fis-siegha b'distanza ta' anqas minn vettura bejniethom, ma nnotax il-manuvra li ghamlet Mallia? Il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju dwar il-kredibilita ta' Mallia u lanqas ghandha ghalfejn tiddubita il-konkluzzjoni li wasal ghalija l-espert Buttigieg anke tenut kont tal-fatt li dan l-espert ibbazi l-kalkoli tieghu fuq dak li qallu l-imputat a tempo vergine.

Illi ghal kull buon fini l-Qorti hija ta-fehma li f'dan l-istadju ghandha tindirizza l-allegazzjoni ta'l-imputat li huwa ma zammx break ma'l-impatt imma sempliciment refa' saqajh minn fuq il-pedala tal-gass u gibed  ghall-genb sa kemm il-karozza waqfet wahedha. Id-difiza fil-fatt qed tikkontendi li l-kalkoli li ghamel l-espert Buttigieg huma zbaljati ghaliex huma bazati fuq il-premessa zbaljata li ma'l-impatt l-imputat ghafas il-break. Kif diga ntqal, a tempo vergine (pero l-ghada ta' l-incident meta kien lahaq ghadda hin mix-xokk inizjali) l-imputat qal li ma'l-impatt ghafas il-break u kienet fuq din l-informazzjoni li l-espert Buttigieg ghamel il-kalkoli li ghamel. Meta l-imputat kien qed jirrilaxxja l-istqarrija, wara li gie infurmat bil-kostatazzjonijiet li ghamllu l-esperti u ghalhekk meta sar jaf li ma kienx hemm break marks[14], huwa biddel il-verzjoni u qal li ma zammx break. Din il-verzjoni baqa' jsostniha anke waqt id-depozizzjoni tieghu. Ta' certa relevanza f'dan ir-rigward huwa dak li qal l-imputat dwar meta nduna li huwa kien tajjar lil Allen. Anke fuq dan l-aspett l-imputat ibiddel il-verzjoni diversi drabi. F'xi waqtiet jghid li kien biss meta hareg mill-vettura u hares madwaru li nduna x'kien gara  pero finalment ikkonferma li huwa sema' hoss u habta mal-windscreen u dak il-hin nduna li kien hemm ragel li kellu

[14] L-espert Buttigieg spjega li karozza mghammra b'l-ABS ma thalliex break marks.

beritta bil-barnuza blu skura; fil-fatt qal bejnu u bejn ruhu "... *'dan minn fejn inqala'* mbaghad ikompli d-depozizzjoni tieghu billi qal... *tlaqt saqajja minn fuq il-gas, ma zammejtx break dak il-hin'*[15]" Il-Qorti pero difficilment taccetta kif sewwieq li jkun ghadu kif tghajjar persuna u jinhasad bil-hoss u l-forza ta'l-impatt u anke bix-xena ta' ras dik il-persuna imtajjra mal-windscreen, ma jaghmilx dak li huwa instintiv u jaghafas il-break. Il-Qorti fil-fatt konvinta li l-ewwel verzjoni ta'l-imputat hija dik korretta, u li huwa fil-fatt ghafas il-break ma'l-impatt u li ma kienx hemm break marks minhabba li l-karrozza li kien qed isuq kienet mghammra b'l-ABS. Il-Qorti hija altrettant konvinta li l-konsegwenti kalkoli li ghamel l-espert huma korretti u li l-imputat kien qed isuq b'xi disghin kilometru fis-siegha.

Illi fit-tlett drabi li ta l-verzjoni tieghu l-imputat jaghmel diversi kongetturi minn fejn seta' hareg Allen, dawn pero jibqghu kongetturi ghaliex hu ma rahx u ghalhekk ma setax jghid minn fejn kien gej. Minn dawn il-kongetturi huwa l-aktar li jsostni[16] hija dik li Allen "*hareg minn wara l-Audi*" cioe il-vettura misjuqa minn Mallia u li kien ghalhekk li ma setghax jarah. Mallia pero ratu lill-vittma u rat ukoll minn fejn hareg u cioe minn bejn il-barriers li kien hemm f'l-estremita tax-xellug tat-triq.

Ikkunsidrat

Illi permezz tal-proceduri odjerni l-imputat qed jigi addebietat bi tlett reati:

1. L-omicidju involontarju ta' Simon Mark Allen;
2. Sewqan b'velocita eccessiva; u
3. Sewqan traskurat u perikoluz.

Ikkunsidrat

Illi permezz tat-tieni imputazzjoni l-prosekuzzjoni qed tallega li l-imputat kien qed isuq b'velocita eccessiva fil-hin ta'l-incident.

---

[15] Depozizzjoni a fol 212 tal-process.

[16] Partikolarment waqt is-sottomissjonijiet.

Illi kif diga ntqal l-imputat jallega li huwa kien qed isuq b'xi hama u sittin kilometru fis-siegha fil-hin ta'l-incident pero ghar-ragunijiet espressi aktar 'l fuq il-Qorti ma ssibx li l-imputat kien kredibbli f'din l-asserzjoni u ma tarax li jezistu ragunijiet ghalfejn ghandha tiskarta l-konkluzzjoni li wasal ghaliha l-espert il-PL Mario Buttigieg u cioe li l-imputat kien qed isuq b'velocita ta' almenu disghin kilometru fis-siegha. Dan f'triq fejn (fil-punt fejn sehh l-incident) il-massimu tal-velocita huwa tmenin kilometru fis-siegha[17]. Huwa ghalhekk naqas li jhares regolament dwar velocita.

Illi pero din it-tieni imputazzjoni hija wahda kontravvenzjonali bazata fuq ir-Regolament 127 ta'l-Avviz Legali 128 tas-sena 1994 (SL65.11).

Illi ai termini ta'l-artikolu 688(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-azzjoni kriminali fil-kaz ta' kontravenzjonijiet taqa' bi preskrizzjoni mad-dekors tat'tlett xhur.

Illi l-incident in ezami sehh fit-13 ta' Settembru 2016; ic-citazzjoni permezz ta' liema nbdew il-proceduri odjerni giet prezentata fil-25 ta' April 2017 u ghalhekk wara d-dekors tat-tlett xhur fuq imsemmija. Ghalkemm mill-atti ma jirrizultax meta l-imputat gie notifikat bic-citazzjoni promotorja m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li n-notifika necessarjament saret wara il-25 ta' April 2017 u konsegwentement wara it-tlett xhur predisposti f'l-artikolu 688(f).

Illi ghalhekk l-azzjoni kriminali fir-rigward tat-tieni imputazzjoni hija estinta bi preskrizzjoni.

Ikkunsidrat

Illi permezz tat-tielet imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat b'sewqan traskurat u perikoluz, reat ravvizat f'l-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

---

[17] Fil-kors tal-proceduri ma tressqux provi dwar xi varjazzjonijiet setghu saru ghar-regola ta' velocita massima ta' tmenin kilometru fis-siegha minhabba x-xogholijiet li kienu ghaddejjin fil-parti ta' qabel tat-triq jew minhabba ragunijiet ohra. Tenut kont tar-regola li *in dubbio pro reo* l-Qorti ser ikollha tassumi li dik kienet il-velocita massima.

Illi huwa pacifiku ukoll f'l-ordinament guridiku taghna x'jikkostitwixxi sewqan traskurat, bla kont, u perikoluz:

> *Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*
>
> *Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji.*
>
> *Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-propjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel.*[18]

Illi naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan. F'l-istess sentenza hawn kwotata gie ritenut ukoll li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' *recklessness* li giet definita bhala *wilfully shutting one's eye*. Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali.

[18] Ref Pulizija vs Alfred Mifsud Appell Kriminali deciz 06.05.1997.

Illi kif diga ntqal il-Qorti hija konvinta li l-imputat kien qed isuq b'velocita ta' almenu disghin kilometru fis-siegha u ghalhekk b'velocita aktar minn dik regolamentari.[19]

Illi aktar minn hekk jirrizulta li l-imputat f'l-ebda hin ma ra lil Allen jekk mhux ma'l-impatt. L-imputat kien qed isuq wara Mallia li da parti taghha rat lil Allen meta kien ghadu almenu tlett metri 'l boghod minnha. Meta hi ratu ghall-ewwel darba Allen ma kienx f'nofs tat-triq quddiemha imma kien hiereg jitbandal minn bejn il-barriers li kienu fil-genb tat-triq tant li hija bezghet li setghet tolqtu bil-mera[20]. L-imputat min-naha l-ohra, u minkejja li kien qed isuq wara Mallia la nduna li f'triq li fiha normalment ma jkunx hemm pedestrians kien hemm ragel qed jixxengel ma' genb il-vettura ta' quddiemu. Mhux biss imma l-imputat lanqas induna li l-vettura li kienet quddiemu ghamlet manuvra bruska biex taqleb minn karreggjata ghall-ohra u jidher li lanqas ta kaz li Mallia daqqet il-horn.

Illi huwa ben stabbilit li:

> *Hu dover ta' driver to see what is in plain view… u li min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout… Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well.*[21]

Illi fil-kaz in ezami s-sewqan ta'l-imputat jikkontrasta hafna ma' dak ta' Mallia. Din kienet qed issuq b'velocita fil-limiti regolamentari u ovvjament zammet proper look out ghaliex rat lil Allen meta kien ghadu ghaddej minn

---

[19] Ghalkemm it-tielet imputazzjoni hija preskritta ma jfissirx li l-fatt li l-imputat kien qed isuq b'velocita eccessiva u aktar minn dik regolamentari ma jistghax ikun il-bazi ta' imputazzjonijiet ohra migjuba kontra l-imputat.

[20] Hija tghid: *Hu qabad u hareg, rajtu mxengel u kien vicin tal-karozza tieghi u qbadt u mort fil-lane tal-leminghaxkiekukont nolqtu zgur kont nohodlu l-mera ghax kien vera vicin.*

[21] Pulizija vs Roderick Debattista: Appell Kriminali deciza 26 ta'Mejju 2004.

bejn il-barriers u kellha ic-cans li taghmel manuvra diversiva biex b'hekk tevita li tolqot lil Allen.

Illi l-istess ma jistax jinghad dwar l-imputat li ma rax dak li *ragonevolment kellu jara* u li rat Mallia ftit sekondi qablu, ezattament b'l-istess dawl li kien hemm fit-triq. Fil-fatt jista' jinghad li l-imputat ma kelllux *awareness of what was happening in his immediate vicinity* u lanqas kellu *a view of the whole road from side to side,* u li ghalhekk ma kienx qed izomm dik il-proper look out mistennija minn sewwieq diligenti.

Illi fit-termini tal-gurisprudenza fuq kwotata dan is-sewqan ta'l-imputat mhux biss jiddipartixxi minn, u ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza imma b'dak is-sewqan l-imputat kien indifferenti ghar-riskji riskji ta' hsara li s-sewqan tieghu seta'ikkawza lil terzi.

Illi in vista tas-suespost il-Qorti hija sodsfatta li t-tielet imputazzjoni issa in ezami tirrizulta sodisfacjentement pruvata in kwantu tirreferi ghal sewqan traskurat u bla kont[22]. Fil-fehma tal-Qorti ma jirrizultax seqwqan perikoluz kif fuq definit.

Ikkunsidrat

Illi permezz ta'l-ewwel imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat b'l-omicidju involontarju ta' Simon Mark Allen.

Illi biex jirrizulta d-delitt ta' offiza involontarja hemm bzonn

> *li tirrikorri kondotta volontarja negligenti konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza, traskuragni, jew ta' hila (imperizja) f'l-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti u ordnijiet li tkun segwieta b' ness ta' kawzalita minn akkadut*

[22] Sewqan bla kont ma kien imsemmi fit-tielet imputazzjoni pero dan huwa reat minuri kompriz u involut f'sewqan perikoluz ghalhekk l-imputat jista jinstab hati ta' dan ir-reat (sewqan bla kont) minflok dak indikat fic-citazzjoni u cioe sewqan perikoluz.

*dannuz involontarju. Ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias"; dik il-kondotta, cioe', illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali; kriterju dan li fil-waqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallieh fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret*[23].

Illi dan il-principju huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Il-Qorti ta'l-Appell Kriminali f'sentenza aktar recenti minn dik hawn fuq kwotata, wara li ghamlet referenza ghall-bran hawn fuq riprodott esprimiet ruhha hekk:

*Kif jispjega l-gurista taljan Francesco Antolisei, biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wiehed irid izomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta ghal xi fini partikolari tista' taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika -- cioe' l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita' partikolari -- tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrajn jigu pregudikati.*

*"Sorgono per tal modo," ikompli dan l-awtur, "delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi socjali, come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e' tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu' o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possibile, conseguenze nocive per i terzi....Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'inosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi' formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche' nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasimo*

[23] Ref Pulizija vs Louis Portelli Appell Kriminali deciza 04.02.1961.

*puo' muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp. 322- 323).*

*Din il-Qorti taqbel perfettament ma din l-esposizjoni. In fatti, l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali taghna jirreferi ghar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem "nuqqas ta' hsieb", "traskuragni", u "nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni", fil-waqt li dawk ir-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem "nuqqas ta' tharis ta' regolamenti". Hu appena necessarju jinghad li b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti il-legislatur mhux qed jirreferi biss ghal legislazzjoni sussidjarja (li tigi fis-sehh permezz ta' avvizi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet etc.) izda ghal kull forma ta' kondotta statutorjament stabbilita, u ghalhekk qed jirreferi ukoll ghal dawk ir-regolamenti promulgati minn enti privati (per ez., ir-regolamenti infassra minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni hsara ghal kull minn jahdem jew jidhol f'dik il-fabbrika). In fatti, kemm fil-Codice Zanardelli kif ukoll fil-Codice Rocco, l-espressjoni uzata hi "inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline". Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-punt billi tissottolinea li anke fil-kaz ta' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-essenza tal-kolpa hi l-istess bhal fil-kaz ta' nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew imperizja. In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita' ghat-tharis ta' terzi tammonta ghal negligenza jew imprudenza, il-ghaliex huwa certament imprudenti jew negligenti mhux biss min jitraskura li jiehu dawk il-prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarja tal-hajja, izda wkoll min jitraskura li josserva dawk il-prekawzjonijiet specifikatament preskritti minn xi awtorita'.*

*…. Jekk l-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hi negazzjoni ta' din il-virtu, tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li messu preveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certu non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet pero, il-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista; kieku kienet ukoll prevista*

*wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina ta'l-intenzjoni pozittiva indiretta.*[24]

Illi f'sentenza ohra taghha[25], il-Qorti ta'l-Appell Kriminali regghet ghamlet ezami approfondiet tad-dottrina u gurisprudenza in tema u wara li rriaffermat dak li qalet il-Qorti fis-sentenza Il-Pulizija vs Louis Portelli[26] kompliet hekk:

*Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz, hemm necessarjament l-element ta' attivita' dirett ghal xi fini partikolari li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjonijiet jistghu jigu lezi jew danneggjati jew ippregudikati l-interessi ta' terzi. ...*

*Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza derivanti minn atti ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non-osservanza ta' ligijiet, regolament, ordnijiet u simili: L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli. In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkortezza ta' l-agent fil-kondotta tieghu. L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali, cioe, kif jghid il-Manzini: "inettitudine e insufficienza professionale generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto."*

*Il-kulpa tista' tkun dovuta ukoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-assjem ta'regoli predisposti mill-awtorita' pubblika dwar xi attivita' determinata u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita' ta' hsara u dannu lil terzi, cioe', dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni, ....*

*Taht dawn il-forom ta' kondotta kolpuza sia minhabba imprudenza, negligenza, u imperizja, sia minhabba nuqqas ta'osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, hemm differenza essenzjali, dik tal-prevedibilita'. Il-prevedibilita' tibqa essenzjali taht kull forma ta'kulpa, izda fi gradi differenti. Hi tibqa dejjem il-nota saljenti f'kull forma ta' kondotta kolpuza, izda ghandha gradi differenti f'kull kaz ta'imprudenza, negligenza u imperizja, mentre hija prezunta fil-forma l-ohra fejn si tratta ta'reati minhabba non-*

---

[24] Ref Pulizija vs Richard Grech deciza 21.03.1996.
[25] Pulizija vs Saverina sive Rini Borg d eciza 31.07.1998.
[26] Op cit.

*osservanza ta' ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili. F'dawn il-kazijiet mhux possibbli jew ammess lill-agent li jressaq prova ghal kuntrarju. Hija hawnhekk prezunzjoni assoluta. Ma jistghax l-agent jghid li dak l-event dannuz li gara minhabba in-nuqqas ta'osservanza da parti tieghu ta' xi regolament ma kienx wiehed prevedibbli ghalih. Kif jghidu diversi awturi, dan hu kaz fejn dan l-element tal-prevedibilita' tal-legislatur qed jissosstitwixxi dik ta' l-agent. Hu precizament ghalhekk li kondotta kolpuza hija definita bhala kondotta voluntarja li tikkaguna event dannuz, mhux volut, izda prevedibbli, li seta' jigi evitat b'l-uzu ta'attenzjoni jew prudenza fi grad ta'persuna normali.*

Illi f'din l-istess sentenza il-Qorti qalet ukoll li:

*Hu risaput li dan l-element tal-prevedibilita, fil-kaz tal-kolpuz fil-kamp penali hu, kif jesprimi ruhu l-Archbold "a reckless disregard for the safety of others' u hu propju dan li jgib in-negligenza kriminali.*

Illi ghalhekk dak li jrid jigi pruvat f'kaz ta' offiza involontarja huwa kondotta volontarja negligenti konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza, traskuragni, jew ta' hila (imperizja) f'l-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti u ordnijiet li tkun segwieta b'ness ta' kawzalita minn akkadut dannuz involontarju. Applikati dawn il-principji ghal kaz in ezami biex tissussisti l-ewwel imputazzjoni jrid jigi pruvat kondotta volontarja u negligenti (kif hawn spjegat) ta' l-imputat u ness ta' kawzalita bejn din il-kondotta u l-mewt ta' Simon Mark Allen.

Illi dwar l-obbligi u l-imgieba mistennija minn sewwieqa u pedestrians kellha okkazzjoni taghmel sintezi tal-gurisprudenza in tema l-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza mghotija fil-kawza Pulizija vs Mario Angelo Zammit[27].

*Issa, minn ezami ta' bosta sentenzi, hija evidentement distingwibbli x' ghandha tkun l-imgieba tas-sewwieq u tal-pedestrian, qua utenti tat-triq:-*

[27] Deciza 30.09.2009.

*(1) "**Driver ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita pedestrian li jaqsam it-triq anke jekk il-pedestrian jaqsam negligentement u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b'mod li jkun pogga ruhu f'posizzjoni li ma setax jevita l-investiment ta' pedestrian[28].** Il-kaz li fih id-driver jista' jkun ezentat mir-responsabilita` hu dak biss fejn il-pedestrian, b'xi att inaspettat u subitaneu, jew xort'ohra b'xi ghemil tieghu, ikun qieghed lid-driver f'posizzjoni li, anke bl-uzu tad-diligenza mehtiega, dan ma setax assolutament jevita l-investiment" – "Il-Pulizija -vs- Dockyard PC 347 Carmel Mifsud", Appell Kriminali, 26 ta' Gunju 1954 (Kollez. Vol. XXXVIII P IV p 859).*

*(2) "Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku, imma ghandu wkoll obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f'post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b' mod regolari jsib ruhu f'posizzjoni ta' emergenza subitanea minhabba fih, dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian f'dik il-konsegwenza" – "Il-Pulizija -vs- Alfred Caruana", Appell Kriminali, 14 ta' Mejju 1955 (Kollez. Vol. XXXIX P IV p 1031).*

*(3) "Il-pedestrian ghalkemm ghandu dritt li jkun fil-karreggjata biex jaqsam certament ghandu wkoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam 'with reasonable dispatch'. Aktar u aktar tehtieg dik l-attenzjoni tal-pedestrian meta si tratta ta' uncontrolled crossing" – "Il-Pulizija -vs- Joseph Formosa", Appell Kriminali, 4 ta' April 1959 (Kollez. Vol. XLIII P IV p 1027).*

*(4) "Hu veru li anki l-pedestrian ghandu d-doveri tieghu fit-traffiku stradali; imma biex driver ta' karozza li jinvesti pedestrian u jikkagunalu offizi fuq il-persuna tieghu jista' jiskolpa ruhu, jehtieg li jirrizulta li l-kawza unika u determinanti ta' l-investiment kienet tikkonsisti fil-komportament imprudenti tal-pedestrian li gie milqut; u ma tistax tigi nvokata mid-driver l-iskriminanti ta' l-emergenza subitanea meta tikkonkorri l-kolpa ta' l-awtista, li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi ta' l-emergenza. **Il-konducenti ta' vetturi ma ghandhomx jipprezumu normalita` perfetta ta'***

[28] Sottolinear ta' din il-Qorti.

***komportament tal-pedestrian imma ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontingenzi stradali***[29] *u jirregolaw il-velocita` taghhom b'margini sufficjenti ta' sikurezza" – "Il-Pulizija -vs- George Muscat", Appell Kriminali, 6 ta' Mejju 1961 (Kollez. Vol. XLV P IV p 947).*

*Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Anna Rita sive Anita Camilleri deciz fil-25 ta' Settembru 2003, intqal:*

*"Illi gie ritenut in subiecta materia illi l-pedestrian ghalkemm ghandu dritt ikun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu wkoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam, Jekk il-pedestrian ikun negligenti pero', dan ma jassolvix lid-driver tal-car milli juza dak il-grad ta' reasonable care li tinhtieg. Dana kollu jinghad sakemm ma tkunx giet mill-pedestrian krejata lid-driver, bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragonevolment possibbli, azzjoni evaziva tempestiva. (ara Appell Kriminali Il-Pulizija vs. J. Formosa, Vol. XLIII. P. IV p. 1023).*

*"F'sentenzi ohra imbaghad, gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea tavvera ruha, e.g. 'meta jaqsam f'daqqa w jissorprendi lill-konducent jew jaghmel xi moviment insolitu w inaspettat' (App. Kriminali Il-Pulizija vs. J. Thornton Vol. XLV. P. Iv p. 920) jew meta pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor; jew li johrog minn xi kurva fit-triq; jew li jitfaccja ghall-gharrieda w inaspettatament quddiem il-karozza.' (App. Kriminali Il-Pulizija vs. Cassar Desain Vol. XLVI. P.IV. p765) .*

*"Mill-banda l-ohra pero` gie ukoll ritenut li driver ma jistax jissolleva b'success id-difiza tas-sudden emergency meta l-emergenza ikun holoqha hu (App. Kriminali Il-Pulizija vs. Capt. A. Gera [13.12.1968]). Dan ghaliex f'kaz simili d-driver ikun qieghed isofri minn self inflicted incapacity effett tas-sewqan hazin tieghu antecedenti jew konkomitanti.*

---

[29] Sottolinear ta' din il-Qorti.

*"Illi gie mbaghad dejjem ritenut li f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghall-htijiet da parti ta' haddiehor (App. Kriminali Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri (16.3.1961); Il-Pulizija vs. John Polidano (3.11.1963); Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud (XXXVII . p.IV. p.1131) u ohrajn) Dana ghaliex il-contributory negligence ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru (Vol. XXXVIII, p.IV. p.883)."*

*Huwa dezumibbli minn dawn il-gudikati illi kemm il-pedestrian kif ukoll il-konducent ta' vettura ghandhom josservaw dejjem ir-regoli tal-prudenza u tal-bon sens fic-cirkolazzjoni stradali. Fattur determinanti iehor li jemergi minn dawn l-istess gudikati huwa dak li biex driver ta' vettura jiskansa ruhu minn addebitu ta' htija jrid juri li hu gie rinfaccjat minn sitwazzjoni inevitabbli li ssorprendietu. Dan aktar u aktar meta "fi trieqtu jinzerta nies li minhabba l-eta` taghhom jew ghal xi raguni ohra ma jkollhomx la dik ic-celerita` ta' percezzjoni, la dik il-prontezza ta' decizjoni, u lanqas dik l-izveltezza ta' movimenti, li jehtiegu ccirkostanzi mprovvizi" – "Il-Pulizija -vs- Joseph Thornton", Appell Kriminali, 18 ta' Marzu 1961 (Kollez. Vol. XLV P IV p 920).*

Illi dwar ir-responsabbilta ta' sewwieq meta jonqoas li jzomm proper look out il-Qorti ta'l-Appell Kriminlai rriteniet ukoll li:

*... biex nuqqas ta'proper look out iwassal ghal responsabbilta penali l-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-nuqqas dik il-hsara x'aktarx kienet tigi evitata jew x'aktarx li ma kenitx issehh f'dak il-grad li effettivement sehhet...*[30]

Illi dwar dawk is-sitwazzjonijiet fejn sewwieq jezimi ruhu minn kull responsabbilta ghall-investiment ta' pedestrian ghamlet ezami approfondit l-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-Pulizija vs Dorianne Camilleri[31]. Hemm dik il-Qorti kwotat diversi awturi u anke gurisprudenza:

[30] Pulizija vs Joseph Grech: deciza 6 ta' Gunju 2003
[31] Deciza 28.02.2018.

*Il-Corte di Cassazione Taljana, meta inkassat sentenza tal-Corte d' Appello di Bologna stabbiliet li f'kazijiet ta' investiment ta' pedestrian jista' tirrizulta it-tort esklussiv tal-pedestrian meta jikkonkorru is-segwenti kondizzjonijiet:*

*a) "che il-conducente, per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita' di avvistare il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti;*

*b) che i movimenti del pedone siano cosi' rapidi e inattesi da farlo convergere all' improvviso sulla traiettoria del veicolo;*

*c) che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente."*

..... .....

*sabiex is-sewwieq ikun ezentat minn kwalunkwe responsabbilta ghall-investiment ta' persuna, irid ikun hemm prova cara ta'l-hekk imsejjha 'emergenza subitanea' li tinholoq mill-pedestrian meta jiddeciedi li jaqsam it-triq, emergenza li tpoggi lis-sewwieq f'posizzjoni li la jista' jipprevedi dan is-sinistru u lanqas jista' jipprevjenieh.*

*U allura hawn fejn jidhol il-grad tal-culpa tas-sewwieq ghal event dannuz u jekk allura jistax jigi ezentat mir-responsabbilta:*

*"In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala:*

*1. la volontarieta dell'atto;*
*2. la mancata previsione dell'effetto nocivo; u*
*3. la possibilita di prevedere.*

*Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija. (vide Il-Pulizija vs John Vella deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali)"*

*Din is-sentenza tistrieh fuq l-insenjament ta' zewg guristi tad-dritt penali fejn il-gurist Francesco Carrara jghid hekk dwar il-culpa, "... il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere."*

*Bl-istess mod, il-Professur Anthony J. Mamo, fin-noti tieghu, jghid hekk: "In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable".*

*L-Antolisei, izda jimxi pass 'il quddiem mill-insenjament tal-Carrara u t-tejorija tal-prevedibbilita ta'l-azzjoni meta iqies illi tirrizulta il-kolpa meta jkun hemm in-nuqqas ta'l-osservanza tar-regoli tal-komportament, anki jekk l-event dannuz ma kienx wiehed prevedibbli u dan billi l-osservanza ta' dawn ir-regoli iwassal sabiex l-event dannuz ma isehhx:*

*"Si tratta di regole di condotta volte a prevenire determinati accadimenti; tali regole possono essere sociali (negligenza imprudenza o imperizia) oppure giuridiche (regolamenti, ordini discipline). Quindi occorrono due requisiti:*
*a) la violazione di una regola;*
*b) che l'evento provocato sia esattamente quello che la norma voleva evitare.*
*In definitiva il giudizio di rimprovero è un rimprovero per leggerezza, perché il soggetto non è stato cauto e diligente come doveva."*

*Awturi ohra bhal Mantovani u il-Padovani jabbinaw din ir-regola ta'l-Antolisei mar-regoli tal-prevedibbilita u l-inevitabbilita' biex b'hekk il-culpa fil-fehma taghhom tinkwadra ruhha f'erba elementi:*

1. *un requisito oggettivo consistente nella violazione di una regola di condotta;*
2. *un requisito soggettivo, cioè la capacità di osservare tale regola;*
3. *l'evitabilità dell'evento mediante l'osservanza di tale regola;*

> *4. la prevedibilità ed evitabilità, cioè che il soggetto avesse la capacità o la possibilità di tenere un comportamento diverso.*

> *Dak illi ghandu jigi stabbilit kwindi huwa jekk l-event kienx wiehed fortwit, jew jekk kienx hemm sitwazzjoni ta' emergenza subitanea, tant ghalhekk illi l-event dannuz ma seta' qatt jigi evitat anke jekk bl-ezercizzju gholi ta' diligenza u bl-osservanza tar-regoli kollha tal-imgieba xierqa fit-triq. Sitwazzjoni bhal din certament teskludi kull forma ta' negligenza, imprudenza, traskuragini jew non-osservanza tar-regoli ta' komportament mistennija, fit-termini ta' dak li ifassal l-Antolisei sabiex jistabilixxi l-kolpa.*

Illi f'dan l-istadju ta' min wiehed ifakkar li fil-hin ta' l-incident Allen kien fis-sakra u kien qed miexi (u x'aktarx kien ser jaqsam) f'triq li mhiex intiza ghall-uzu tal-pedestrians. Kif intqal aktar 'l fuq il-pedestrian ghandu l-obbligu tieghu u Allen kiser kull obbligu li kellu fic-cirkostanzi. Dan pero mhux necessarjament jezonera lill-imputat.

Illi l-imputat da parti tieghu kien qed isuq b'velocita eccessiva u naqas li jzomm proper look out. Huwa ghalhekk naqas li josserva regoli imposti fuqu u fit-termini tal-gurisprudenza fuq kwotata *l-event dannuz seta' jigi evitat jekk bl-ezercizzju ta' diligenza u bl-osservanza tar-regoli kollha tal-imgieba xierqa fit-triq*[32]. Fil-fatt l-ebda wahda mill-kundizzjonijiet, imsemmija mill-Corte di Cassazione Taljana fis-sentenza fuq kwotata, biex ikun jista jirrizulta tort esklussiv tal-pedestrian ma gew sodisfatti fil-kaz in ezami. Ghal kull buon fini jinghad ukoll li anke kieku l-impatt ma setghax jigi evitat mill-imputat kieku kien qed isuq b'velocita regolamentari u kieku zamm proper look out l-*event dannuz* (cioe l-impatt) *ma kienx issehh f'dak il-grad li effettivement sehh.*

Illi tenut kont ta' dan u tenut kont li sewwieq qatt m'ghandu jistenna nomalita perfetta, fil-fehma tal-Qorti l-att volontarju ta'l-imputat (n-nuqqas ta' osservanza tar-regoli u ta' proper look out) u n-nuqqas ta' previszjoni ta'l-effetti dannuzi ta' dan in-nuqqas liema effetti dannuzi kienu prevedibbli b'diligenza ragonevoli, l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat

---

[32] Kif fil-fatt gie evitat minn Mallia.

tirrizulta sodisfacjentement pruvata ukoll. Naturalment n-negligenza kontributorja ta' Allen ghandha tittiehed in konsiderazzjoni ai fini ta' piena.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi. Bla dubbju ir-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat huma reati gravissimi u li kellhom l-aghar konsegwenzi immaginabbli: it-telf ta'hajja umana. Min-naha l-ohra fattur altrettant importanti huwa n-negligenza kontributorja tal-vittma, negligenza li zgur ma tisatax tigi definita bhala wahda negligibbli, anzi. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fedina penali kwazi netta ta'l-imputat. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tal-fehma li m'ghandhiex timponi piena karcerarja imma ghandha timponi multa u tissospendi l-licenzja tas-sewqan ta'l-imputat[33] f'ammont u perjodu li jirriflettu l-gravita tar-reati.

Ghal dawn il-motivi fil-waqt li tiddkjara t-tieni imputazzjoni preskritta, u fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tielet imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal sewqan perikoluz u tiliberah minnha, wara li rat l-artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta'l-ewwel imputazzjoni u tat-tielet imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal sewqan traskurat u bla kont u taghhom tikkundannah multa ta' tmien telef Euro (€8,000) u tiskwalifikah minn kull licenza tas-sewqan ghal perjodu ta' sena. In oltre b'applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 qed tikkundanna lill-imputat biex ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' elfejn erbgha mija tlieta u sittin Euro u erbgha u erbghin centezmu (€2,463.44) rapprezentanti l-ispejjez rinkorsi in konnessjoni mal-hatra ta'esperti.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**

---

[33] Is-sospensjoni hija tassattiva.